# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 638/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Rachelle FENECH (ID. Nru. 452491M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf disa' mija disgha u disghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€1,999.96c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf disgha mija u disgha u disghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€1999.96) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC 40179417).

> Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1500/14, u bl-imghaxijiet legali sa mis-17 ta' Lulju 2014, data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fil-11 ta' Awwissu, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi salv ghan-nota pprezentata waqt is-seduta tal-lum.

Ra n-nota tal-lum stess fejn l-intimata, permezz taghha, ammettiet it-talba mresqa mis-socjeta rikorrenti fil-konfront taghha. L-istess intimata talbet li hija tinghata l-fakulta li thallas lura lis-socjeta rikorrenti b'pagamenti mensili ta' mitejn Euro (€200).

Ra li ghas-seduta tal-lum kien hemm ukoll prezenti d-difensur ta' l-intimata l-Avukat Dr. Alexander Schembri.

In vista ta' l-ammissjoni tal-intimata t-Tribunal ippospona l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elf disa' mija disgha u disghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€1,999.96c] in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC 40179417).

Ikkunsidra;

2. L-intimata llum stess resqet nota li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta rikorrenti. L-intimata talbet biss li hija tinghata l-fakulta li thallas dan l-ammont f'pagamenti mensili ta' mitejn euro (€200).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf disa' mija disgha u disghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€1,999.96c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-17 ta' Lulju, 2014, d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali (fol. 5), sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimata u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimata fl-ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta' Ottubru, 2015 u imbaghad kull l-ewwel jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F'kaz li l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 1500/14, huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**